MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 44/2005

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Vs**

**Paul Polidano ghan-nom u in rapprezentanza ta' Polidano Bros Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li kien gie prezentat fis-7 ta Jannar 2005 fejn l-attur talab li jithallas minn ghand is-socjeta konvenuta s-somma ta mitejn u disgha u erbghin lira (Lm249) rapprezentanti danni kkagonati fil-vettura numru GVP 424 f'incident stradali li sehh fi triq l-10 ta Settembru Zabbar nhar it-8 ta Novembru 2002 u liema incident kien jikkonsisti fil-fatt illi l-imsemmija vettura kienet spiccat gewwa hofra mimlija bl-ilma. Ghal liema ncident is-socjeta konvenuta hija responsabbli stante li naqset li tiehu l-mizuri adatti ta sigurta ghas-sewwieq fuq ix-xogholijiet minnha esegwiti fl-istess trieq.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta ittra ufficcjali datata 13 ta April 2004 u bl-interessi legali kontra l-konvenut ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 18 ta Jannar 2005 fejn ikkontestat it-talbiet attrici stante (a) preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 Kap 16; (b) nuqqas ta responsabbilita legali u fattwali u (c) l-ammont tad-danni ghandhom se mai jigu ppruvati.

Ra l-provi mresqa inkluz id-dokumenit esebiti.

Ikkunsidra.

Illi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta, l-attur ipprezenta kopja legali tal-ittra ufficcjali markata Dok KTP 2 biex jipprova l-interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv. Minn ezami tar-riferta tal-imsemmija ittra ufficcjali pero`, ghandu jirrizulta li s-socjeta konvenuta, cioe l-parti proprjra f'dina l-kawza baqghet qatt ma giet notifikata b'din l-ittra ufficcjali u dana in vista tal-fatt li r-riferta tindika biss lil Paul Polidano u mhux l-istess Paul Polidano jew xi persuna ohra qua mpjegata tas-socjeta konvenuta ghan-nom tas-socjeta konvenuta. Fi kliem iehor ma hemm ebda riferta li tindika li s-socjeta konvenuta fil-fatt giet notifikata b'din l-ittra ufficcjali.

Ghal dawn il-mottivi It-Tribunal jaqta u jiddeciedi dina l-kawza billi jilqa l-ewwel eccezzjoni ta preskrizzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta, tiddikjara li l-azzjoni odjerna tinsab preskritta ai termini tal-artikolu 2153 Kapitolu 16 tal-ligijiet ta Malta u kwindi tichad it-talbiet attrici b'dan illi l-ispejjes ta din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------